**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (10)

Fis-silta tal-ġimgħa l-oħra, meħuda mill-intervista ta' Ġużeppi Formosa li jien kont għamiltlu f'Ottubru, 1980, dwar it-tiġrijiet tad-dgħajjes bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija u wara, ikolli nammetti li dan il-qaddief veteran tani storja kważi kompluta tad-distrett ta' l-Isla f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali, mhux biss dwar il-korsa tal-Ferilli li għal snin twal ipparteċipa fiha, iżda tana wkoll ħjiel fil-qosor dwar is-sehem attiv u l-qawwa ta' belt twelidu f'kull korsa minbarra dik tad-dgħajjes ta' Bi Tnejn.



Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa Bormliża dieħla l-ewwel fl-1931

Meta staqsejtu jekk l-Isla kinitx armata tajjeb biex tisfida lil Bormla f'din il-korsa weġibni hekk:

'"... bit-tiġrija ta' bi Tnejn jien inkun semmejt il-koros kollha. Aħna kellna diversi koppji tajbin, iżda ma niftakarx li qatt irbaħna dan il-palju. Mhux għax ma konniex armati tajjeb fiha, iżda għaliex id-distretti l-oħra kienu armati aħjar minna.

"Fiż-żmieni meta kont insemmi li Ganni Caruana (il-Bubbli John) u lil kuġinuh Karmnu l-Vopa ma kellekx aktar fejn tasal ... kienu żewġ qaddiefa tajbin ħafna, iżda fl-istess żmien id-distretti l-oħra kellhom il-koppji tagħhom li kienu tajbin daqs tagħna.

"Bormla kellhom lil Karmnu tal-Posta u sieħbu Pietru t-Tinet ta' Bormla - dawn kienu tajbin ħafna u ħadd ma seta' jżommhom.

"Il-Kalkara kellhom lil Grogan u Kieli Waħx li wkoll kienu rebħu dan il-palju. Il-Birgu kellhom lill-aħwa Fabri (mhux Cauchi) ta' Patatiet li fis-snin tletin rebħuh ukoll, u Marsamxett kellhom li Ġużeppi Cutajar (Għarwien) u lil sieħbu li rebħu dan il-palju fil-bidu tas-snin għoxrin qabel it-Tinet u tal-Posta.

"Iżda jekk il-koppja tagħna qatt ma rnexxielha tirbaħ dan il-palju fir-Regatta Nazzjonali qabel il-gwerra huma rebħu kemm-il darba t-Tazza tal-Fidda tat-tiġrija tad-dgħajjes li l-ammiraljat kien jorganizza għall-barklori li kienu kummissjonati mal-bastimenti tal-gwerra bħal fiż-żmiem kien ukoll missieri.

"Dawn it-tiġrijiet kienu jsiru f'Malta kif ukoll barra minn xtutna, kull meta l-flotta Ingliża kienet iżżur diversi portijiet fil-Mediterran, u minbarra t-tiġrijiet tal-wejliet għall-baħrin, kienu jorganizzaw ukoll tiġrijiet għad-dgħajjes Maltin….

"Biss hawn tajjeb li nfakkrek, li dak li ma għamilniex qabel il-gwerra, għamilnieh warajha, fejn mhux biss irbaħna dan il-palju, iżda bħala distrett iddominajna kull Regatta Nazzjonali fis-snin 50, u ksibna suċċessi oħra fis-snin 60. Sa l-1966, l-Isla rebħet seba' darbiet ix-Shield …"

Għalissa ma' Ġużeppi Formosa (In-Niger) nieqfu hawn ħalli nlaqqagħkom ma' qaddief ieħor Bormliż, imsemmi ħafna għas-sehem tiegħu fit-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija.

Dan huwa Leli Aquilina (ir-Ratal)! Jien iltqajt ma' Leli fid-dar tiegħu f'Birżebbuġa u għamilna ftit tal-ħin nitkellmu dwar Bormla u s-sehem tagħha fir-Regatta Nazzjonali fis-snin 30. Beda hekk:

"... jien bdejt naqdef ma' Bormla qabel il- Gwerra - meta Bormla kienet fl-aqwa tagħha u tista' tgħid kienet tiddomina kull Regatta mill-korsa tal-Midalji sa dik tal-Kajjikki tal-Kopp minbarra dik ta' bl-Erbgħa.

"Kien proprju fi żmieni, meta jien kont naqdef f'din il-kategorija, meta aħna rnexxielna nwaqqfu lil Birgu milli tkompli tiddomina din il-korsa.

"Għalina dik is-sena kienet sena speċjali għaliex finalment irnexxielna nirbħu dan il-palju li konna ilna snin ma nirbħuh…"

*Milli jidher il-Birgu kienu tajbin ħafna f'din il-korsa …*

"Iva, kienu tajbin ħafna għax kellhom ekwipaġġ ffurmat minn erba' barklori li kienu ilhom snin jaqdfu flimkien.

"L-esperjenza lili għallmitni li fir-Regatta, kull palju dejjem jintrebaħ minn dak l-ekwipaġġ li jkun ilu snin jitħarreġ flimkien, iżda kif jgħidu, kultant ikun hemm l-eċċezzjoni għal kull regola kif fil-fatt ġara fl-1931, meta aħna ffurmajna ekwipaġġ b'saħħtu ħafna bil-għan li nirbħu dan il-palju prestiġġjuż …"

*Minn kliemek jien qed nifhem li intom għażiltu l-aħjar qaddiefa li kellhom proprju biex tirbħu dan il-palju … qed nifhmek tajjeb?*

"…. iva, hekk għamilna! Kif għedtlek f'dak iż-żmien jien kont naqdef f'ta' Bl-Erbgħa iżda minkejja li kull sena konna nagħtu sfida qawwija lil Birgu u lil Marsamxett qatt ma rnexxielna nirbħuh.

"Fl-1930 aħna dħalna t-tieni wara taqtiegħa ħarxa mal-Birgu, u kif wasalna x-xatt ta' Santa Tereża nibtet ix-xewqa fina, li għat-tiġrija oħra narmaw dgħajsa tajba biex nirbħu dan il-palju.

"Aħna kellna ħafna qaddiefa, iżda ma kellniex ekwipaġġ b'saħħtu biżżejjed li kapaċi jisfida lil Birgu, għalhekk ridna naraw lil min fost il-qaddiefa tagħna stajna navviċinaw biex inwettqu l-ħolma tagħna.

"L-għażla tagħna waqgħet fuq Karmenu Grech tal-Posta u sieħbu Pietru Farrugia (Tinet) - żewż qaddiefa qishom ġganti li mill-1922 sal-1930 kienu iddominaw il-korsa ta' Bi Tnejn bi sfida kontinwa mill-Birgu li wkoll kienu armati tajbin fiha.

"Jien kont avviċinajt lil Karmnu u sieħbi Wiġi Scicluna kien kellem lil Pietru. Għall-ewwel Karmnu deher li ma xtaqx jitlef il-palju ta' bi Tnejn biex jirbaħ dak ta' bl-Erbgħa, iżda finalment Karmnu kkuntenta li għal dik is-sena hu u Pietru jaqdfu f'ta' Bl-Erbgħa miegħi u ma' Wiġi Scicluna minflok f'ta' Bi Tnejn.

"Bdejna t-taħriġ wara l-festa ta' San Lawrenz, u għall-ewwel konna nittrenjaw regolament qrib ix-xatt ta' Santa Tereża, iżda wara bdejna nidħlu fil-kanal u nieħdu t-triq.

"F'jum il-Vitorja aħna morna għat-tiġrija b'qalbna mimlija li se nirbħu l-palju. Fil-fatt il-palju konna rbaħnih, alavolja ssib min jgħid li dak in-nhar tal-Birgu ma kinux ħadu sehem, iżda xorta waħda kellna kompetizzjoni kbira mid-dgħajjes tal-Isla li kellhom ekwipaġġ tajjeb ħafna, ta' Marsamxett u tal-Marsa.

"Sfortunatament f'dik is-sena tlifna l-palju ta' bi Tnejn, peress li qabel il-gwerra, din it-tiġrija kienet issir wara l-korsa ta' bl-Erbgħa. Kienet rebħa kbira u aħna fraħna ħafna…"

*Wara l-gwerra bqajt tieħu sehem fir-Regatta?*

' …. dik storja oħra … wara l-gwerra aħna lanqas kellna xatt fejn innizżlu d-dgħajjes u minbarra hekk il-gwerra kienet għamlet ħerba kbira mill-maħżen fejn kienu merfugħin l-opri tat-tiġrija.

"Aħna ma stajniex nieħdu sehem mal-Isla li minbarra li salvat l-opri kollha, il-qaddiefa li kellha qabel il-gwerra kienu għadhom fl-aqwa tagħhom.

"Jien niftakar xi wħud minnhom blaħ Toni ż-Żbiba, Salvu l-Pa Salv, Ganni l-Bubbli John, Ġużeppi n-Niger … dawn kollha konna nafuhom u kienu ħbieb tagħna.

"Veru li fir-Regatta, minħabba l-pika ta' bejnietna konna ninsew il-ħbiberija tagħna, iżda wara jumejn konna ninsew kollox u nieħdu ħsieb xulxin. Wara l-gwerra jien bdejt nieħu sehem fil-korsa tal-Kajjikki u t-taħriġ tagħna konna neħduh il-Kalkara peress li kif għedtlek Bormla ma kellhiex xatt.

"Minkejja fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra aħna ma ħadniex sehem fir-Regatta, b'danakollu, xorta waħda qalbna kienet marbuta ma' din it-tradizzjoni. Din ir-rabta ntima mar-Regatta reġgħet ħadet il-ħajja mill-ġdid meta d-distrett Bormliż bil-ħila ta' xi ħabrieka, fosthom Karmnu tal-Posta u oħrajn organizzaw il-club mill-ġdid, u fir-Regatta komplew fejn ħallew ta' qabilhom.

"Fi ftit snin Bormla bdiet tiddomina l-koros il-kbar, u kif taf int, illum qed tiddomina kull Regatta …

*(ikompli f'ħarġa oħra)*